-

25 ta' Frar 2010

Ref. 5/194/04

**Minuti tal-Laqgha Nru. 36**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola, nhar it-Tlieta 23 ta' Frar 2010, Paola. Il-laqgha bdiet fis-5.00pm. Ghall-laqgha kienu prezenti s-Sindku Dominic Grima, il-Kunsillier Seychell, u il-Vici Sindku Borg, l-Kunsillier Dalli, il-Kunsillier Lynch. Il-Kunsilliera Ebejer, l-Kunsillier Borg Myatt kienu skuzati. Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-iSkrivan Richard Sciberras. Is-Sindku Dominic Grima ippressjeda din il-Laqgha.

**1) Approvazzjoni tal-Minuti**

**Minuti tal-laqgha Nru. 35**

**Materji Konessi**

Tressqet ittra urgenti Mil-Ghaqda Socjali Kristu Sultan u l-Banda Kristu RE fuq l-Armar tal-Millied biex jiehdu 300 euro ohra minhabba li ma koprewx l-ispejjes fid-Dawl tal- Millied. Il-Membri tal-Kunsill approva li zewg ghaqdiet jiehdu dawn il-flus bil-kundizzjoni li jipprezentaw invoice.

Dawn il-Minuti gew approvati mill-Membri prezenti w iffirmati mis-Sindku w mis-Segretarju.

Is-Sindku gibed l-attenzjoni lill-Kunsilliera li minn ma jigiex ghal laqghat tal-kunsill tlett darbiet skond il-Ligi il-gdida ser jigi irrapurtat lid-dipartiment biex ttiehed azzjoni fuqu.

**2) Rapport tas-Sindku**

Is-Sindku ressaq ir-rapport annwali tieghu fuq il-hidma tal-Kunsill. Huwa beda billi qara dan ir-rapport u resqu ghal approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Membri tal-Kunsill wara li ikkoregew xi punti minnu approvawh unanimament.

**3) Rapport Finanzjarju**

Is-Segretarju ressaq fuq il-mejda ir-rapport finanzjarju li jaghlaq 30 ta' Settembru 2009 ghal approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Membri tal-Kunsill approvaw.

**4) Pagamenti**

Is-Segretarju ressaq fuq il-mejda lista ta' pagmenti biex jigu approvati. Il-Membri tal-Kunsill approvaw din il-lista.

Il-Laqgha giet maghluqa fis-6.00 pm.

Approvati Illum ___________

| | |
|---|---|
| ___________ | ________________ |
| Kevin Borg | Dominic Grima |
| Segretarju | Sindku |